MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2005

Numru 15/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
v

**OMAR ASAD HAMDU**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMAR ASAD HAMDU** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Asad u Sebah residenti Casa D'Arte, Qajjenza limiti ta' B'Bugia, bin-numru tal-passaport tieghu mhux maghruf, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlettax ta' Mejju 2004 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu minn fl-Ghassa ta' San Giljan:

1. Iikkommetta harba semplici wqaqt li kien taht l-kustodja tal-Pulizija u cioe PC 885 G. Portelli bhala l-persuna nkarigata skond l-ligi;
2. Talli nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu fi Triq Carlo Manche, Gzira, ikkommetta hsara voluntarja fuq parti mill-uniformi tal-Kuntistabbli 333 V. Calleja u cioe fuq qmis tal-uniformi ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u tal-Korp tal-Pulizija, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha ta' Jannar 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkorrobora bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha w in oltre il-hsara involuta ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u tal-Korp tal-Pulizija tikkoncerna biss fit-tqattigh ta' qmis, liema hsara tammonta biss ghal tlett liri maltin.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 151, 160, 325(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat OMAR ASAD HAMDU hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**
**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------